# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




**Numru 80** L-**14**-il sena **Mejju - Ġunju 2007**




# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se Naraw? | 5 |
| attività | 6 |
| gallerija | 7 |
| it-tina | 7 |
| Falko | 8 |
| iż-Żu | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Nowtbuk | 11 |
| Ċaw ċaw Ramla! | 12 |


zebra



editorjal

# Ħej Ħuttaf!



Victor Falzon

Jekk ma waqfitlix qalbi dakinhar, naħseb li mhu ħa tiqafli qatt!

Meta ċempilli r-ranger ta' Foresta 2000 u qalli li kienu qatlulna 3000 siġra f'lejl wieħed lanqas ridt nemmen.

Imma mbagħad mort nara b'għajnejja u emmint. Madwari turruni, mijiet u mijiet u mijiet ta' siġar żgħar maqtugħin, isserrati jew imqaċċtin, qisu għadda uragan.

Siġar li sal-ġurnata ta' qabel kienu qed jikbru ferħanin u jimpikaw bejniethom min se jitwal l-iktar.

Siġar żgħar ta' tliet jew erba' snin, żnuber, ballut, għargħar, deru, alaternu, żagħrun.

Siġar li meta ħawwilniehom kienu lkoll wegħduna li se jgħinuna nħaddru lil Malta, li kienu se joffru kenn u ikel lil ħafna għasafar u insetti, li kienu se jipproduċu ħafna arja nadifa, li kienu se jagħtu d-dell mix-xemx tikwi, li bl-għeruq tagħhom kienu se jżommu l-ħamrija milli titkaxkar bix-xita. Kellna ftehim sabiħ ħafna magħhom dawn is-siġar...

Imma issa quddiemi ħlief injam mejjet ma kontx qed nara. Immaġinaw imutulek tliet elef ħabib u ħabiba f'daqqa! Għeżież Ħuttaf, jien nispera ħafna li qatt ma jkollkom l-isfortuna taraw xeni bħal dawn.

U jekk il-vandali li għamlu dan l-att kriminali ħasbu li se jaqtgħulna qalbna, għandhom żball kbir. Il-BirdLife mhix se ċċedi. Ftit ftit kollox għad nerġgħu nħawlu, anke b'tifkira tas-siġar ħbieb li tlifna.

**Tibżgħux ħbieb!**
**Foresta 2000 għad terġa' tħaddar!**

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

mal-faċċata



Id-**damiġella** (damselfly *Ischnura genei*) hija kuġina tal-mazzarelli (dragonflies). Ma tispikkax daqshom għax hija żgħira u delikata, u meta tpoġġi fuq pjanta żżomm ġwinħajha magħluqin u kważi tisparixxi. Tħobb postijiet fejn ikun hemm l-ilma ħelu, fejn toqgħod tħuf u ttir wara nemus u dubbien irqiq li huwa l-ikel favorit tagħha.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Matthew Borg Cardona, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120
tel 21347644 jew 21347645 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Ġunju 2007 • Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt ta' quddiem: Damiġella, ritratt ta' Victor Falzon
Ritratt ta' wara: Ir-Ramla l-Ħamra, ritratt ta' Joe Sultana
Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**

aħbarijiet


Victor Falzon

# delitt fil-foresta

**Fil-lejl ta' bejn it-8 u 9 Mejju 2007, grupp kriminali daħlu fil-Foresta 2000 u għamlu ħerba mis-siġar. B'kollox qaċċtu, qatgħu jew isserraw mat-3000 siġra li kienu tħawlu hemmhekk f'dawn l-aħħar snin. L-iktar li nqerdu kienu siġar taż-żnuber (iktar minn elf), li uħud minnhom kienu diġà kibru m'għola 2m. Min kienu l-vandali u kemm kienu ħadd ma jaf għax ħadd ma rahom - għamlu kollox fid-dalma tal-lejl. Ta' beżżiegħa li huma!**

Għaliex hawn nies daqshekk bla qalb!?



## Salvajna x-Xagħra...


Victor Falzon

L-idea redikola ta' korsa tal-golf fix-Xagħra l-Ħamra fl-aħħar intremiet fil-landa ta' l-iskart. B'hekk ħlisna minn mostru li kien se jirvina biċċa art enormi u jikkawża ħela tremenda ta' ilma u enerġija. Minflok, ix-Xagħra l-Ħamra issa se ssir park naturali. Tal-ġenn kieku!

Nisperaw biss li din id-darba l-park ikun veru park. L-inħawi tax-Xagħra l-Ħamra huma sbieħ fil-beraħ tagħhom, u m'għandhomx bżonn lilna biex nagħmluhom iktar sbieħ. Kull ma jridu tindifa mill-ħafna duri tal-kaċċa u l-insib, u jitneħħew ħafna mogħdijiet żejda li hemm.

Imma diġà smajna li l-kaċċaturi se jħalluhom joqtlu l-għasafar f'dan il-park. X'ħasra!

## ...imma tgħid tlifna r-Ramla?


Joe Sultana

Il-wied li jinżel għall-bajja tar-Ramla l-Ħamra t'Għawdex huwa wieħed mill-iktar veduti sbieħ fil-Gżejjer Maltin. Kif tħalli r-raħal tax-Xagħra u tara l-wied taħtek, id-dehra taqtagħlek nifsek, u jekk ikollok kamera impossibli ma tiġbidx xi żewġ ritratti.

Imma dan kollu issa ħa jispiċċa għax ftit ġranet ilu taw permess biex mal-ġenb ta' l-għolja jinbnew 23 villa. Dawn il-vilel se jibqgħu nieżlin kważi sax-xatt u naturalment id-dehra tagħhom se jirvinaw għal kollox u għal dejjem ġawhra oħra minn pajjiżna.

Jiġifieri jekk għadkom ma ħadtux ritratt tar-Ramla fittxu morru ħuduh qabel ma jitfaċċaw il-gafef u l-krejnijiet.






# Id-Deħbija bil-Bejta

Wara kważi mitt sena nieqsa, l-ajkla rjali reġgħet bejtet f'Eire (l-Irlanda).

L-**ajkla rjali** (golden eagle) kulħadd sema' biha, għax hija waħda mill-iktar tajr tal-priża kbar u b'saħħithom.

| | |
|---|---|
| **isem** | GOLDEN EAGLE<br>*Aquila chrysaetos* |
| **fejn tgħix** | Amerka ta' Fuq, Ewropa, Russja, Lvant Nofsani, u Asja |
| **ħabitat** | wesgħat bil-muntanji |
| **daqs** | 80-93ċm **firxa** 200-225ċm |
| **lewn** | kannella skur b'rix dehbi madwar l-għonq |
| **priża** | fniek, liebri, volpi, ġrieden, marmotti, kultant xi ħaruf |
| **problemi** | kaċċa, serq ta' bajd, velenu, tfixkil mill-preżenza tal-bniedem |
| **status** | mhix mhedda |

Dari ma kienx hawn rispett lejn it-tajr tal-priża. Il-bdiewa kienu joqtluhom għax kienu jibżgħu li jħarbtulhom il-merħliet tan-ngħaġ, u ħafna nies kienu jibżgħu li l-ajkli jisirqu t-tfal! Għalhekk il-povri ajkli ftit ftit spiċċaw minn ħafna pajjiżi.

Imma b'xorti tajba llum bl-edukazzjoni n-nies tgħallmu li l-ajkli la jagħmlu xi ħsara lill-imrieħel u wisq inqas jisirqu t-trabi! Illum dawn l-għasafar huma mħarsin bil-liġi f'ħafna pajjiżi. Mhux biss, imma xi pajjiżi qed jippruvaw iħajru dan it-tajr majestuż jerġa' jibda jbejjet f'arthom. U dan hu li għadu kemm ġara dis-sena f'Eire, wara studji u sforzi li ilhom għaddejjin kważi 20 sena!

Nawguraw li l-ajkla rjali tkompli tinfirex u ssaltan ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

# eBAY and the eLEPHANTS

L-eBAY iddeċidiet li taqta' l-bejgħ ta' ivorju mill-websajts tagħha.

L-ivorju huwa l-materjal li minnu jsiru statwetti li mbagħad jinbiegħu għal prezzijiet għoljin. Il-problema hi li l-ivorju jiġi... minn dawk iż-żewġ sinniet twal ta' l-iljunfanti! Minħabba f'hekk mijiet ta' eluf ta' iljunfanti nqatlu f'dawn l-aħħar 50 sena, tant li n-numru ta' iljunfanti naqas bin-nofs. U dan kollu biex jisserrawlhom dawk iż-żewġ sinniet.

Għalkemm il-bejgħ ta' l-ivorju huwa kontra l-liġi mad-dinja kollha, xorta għadu jsir ħafna negozju u xorta għadhom jinqatlu ħafna iljunfanti (xi 23,000 iljunfant Afrikan is-sena l-oħra biss!). Għalhekk id-deċiżjoni li ħadet l-eBAY huwa pass biex jonqos dan it-traffikar illegali. L-eBAY hija mod kif tbigħ u tixtri affarijiet minn fuq l-internet.

# Sabu żrinġ jixgħel!



Tim ta' xjenzati li dan l-aħħar għamlu riċerka fl-għoljiet tas-Suriname (Amerka t'Isfel) sabu 24 speċi ġdida ta' annimali.

Mhix ħaġa rari li ssib annimali ġodda fl-Amerka t'Isfel, imma s-soltu jkunu insetti. Did-darba, però, il-lista kienet tinkludi 6 speċi ġodda ta' ħut u 5 żrinġijiet. Wieħed miż-żrinġijiet huwa vjola u iswed, u jixgħel fid-dlam!

Il-post fejn sabuhom jismu n-Nassau Plateau, post ta' rikkezza naturali kbira. Ix-xjenzati huma ċerti li f'dawn l-inħawi baqa' ħafna speċi oħrajn ta' flora u fawna li għadna ma nafux bihom.




L-inkwiet għall-ambjentalisti huwa li dawn il-postijiet mhumiex imħarsin bil-liġi, u ma tridx wisq biex jinqerdu b'xi proġett ta' żvilupp. Per eżempju hemm ċans kbir li xi kumpaniji li jħaffru għall-metall ma jdumux ma jagħmlu ħerba min-Nassau Plateau.

# X'se naraw?

Jason Aloisio jgħidilna kif naraw u nagħrfu l-għasafar




Victor Falzon



## il-merill

blue rock thrush *Monticola solitarius*

Kulħadd jaf b'dan l-għasfur imma ħafna għadhom qatt ma rawh. Mhux daqstant diffiċli li tiltaqa' miegħu. Trid tmur f'postijiet fejn iħobb iżomm. Mhux irdumijiet biss, imma anke f'widien u barrieri bogħod mill-baħar. Jien ġieli rajtu anke fuq il-bini, bħal fix-Xlendi u San Pawl tat-Tarġa.

Biex tara l-lewn blu tar-raġel trid tinzertah fil-qrib jew fid-dawl qawwi tax-xemx, inkella jkun jidher sewdieni. Il-mara tkun kannella. Il-merill iħobb jitperreċ fuq blat kbir jew post fil-għoli fejn joqgħod jgħanni u jgħarrex madwaru. Meta tarah jolqtok il-munqar irqiq u twil u t-titjira partikolari tiegħu. S'intendi, jekk tidra l-għanja tiegħu ħa tinduna bih iktar malajr.

(*Għasafar Madwarna* p 37)

## il-bufula ħamra

spectacled warbler *Sylvia conspicillata*

Bħall-merill, il-bfula ħamra hija għasfur residenti, jiġifieri jgħix Malta ħajtu kollha. Mhux komuni, u ssibu f'kampanja miftuħa. Il-bufula ħamra ma tantx tħobb toqgħod fejn tidher u biex iżżid iċ-ċans li taraha, tajjeb li tidra l-għajta ħafifa tagħha *"kirrrrrrr"* li mhix qawwija daqs tal-bufula sewda.

Dan huwa żmien tajjeb biex tara dan l-għasfur, għax bħalissa ma jkunx hawn buful tal-passa li jixbħu fil-lewn. Għalhekk iċ-ċans li titfixklu ma' għasfur ieħor jonqos ħafna. Il-bufula ħamra għandha daharha u l-ġwienaħ kannella, għonqha abjad u żaqqha tagħti fir-roża ċar. Ir-raġel ikollu rasu griża filwaqt li tal-mara tkun kannella.

(*Għasafar Madwarna* p 40)




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna*** (fil-ktieb qegħdin bil-kulur). Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u stampi bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U jiswa **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347644/5 u ordna wieħed.

# Ħarġa sejra...



Kathleen Mamo

Il-ħarġa għall-Buskett li għamilna fid-29 April 2007 kienet suċċess. Konna grupp sabiħ ta' xi 30 membri u ġenituri. Inżilna f'Wied il-Luq fejn tpaxxejna bil-ħdura, bil-varjetà ta' siġar u anke bin-nixxiegħa ilma ġieri li kien għad hemm. Fl-ilma rajna xi tip ta' ħniex u anke żrinġijiet. Fost għasafar rajna tajr isfar, żanżarelli u ħuttaf. Xena li ħafna memberi (u anke leaders stess) qatt ma kienu rawha kienet massa kbira ta' nemel abjad, li bl-Ingliż jgħidulhom *termites*. Dawn ikunu insetti żgħar qishom nemel, li jkunu għomja, jgħixu taħt l-art u jieklu materjal ta' l-injam. Waqt l-attività kellna wkoll ċans nilagħbu logħba ambjentali, u kellna wkoll ħendawt dwar in-natura fil-Buskett. Użajna wkoll lentijiet apposta biex ħlejjaq żgħar inkunu nistgħu narawhom sew.

Grazzi lil-leaders u lill-ġenituri li għenuna f'din l-attività.

# ...u oħra ġejja!



ċiefa

Matthew Borg Cardona

Tiġu magħna bil-lanċa? Is-sena l-oħra għamilnieha u kienet suċċessun, tant li mlejna żewġ laneċ!

Hekk hu. Ħa mmorru ħarġa bil-lanċa filgħaxija u ħa nersqu lejn l-irdumijiet fantastiċi ta' Ta' Ċenċ (f'Għawdex). Peress li hemmhekk ibejjet iċ-ċief u l-garni, aħna apposta ħa mmorru dawk in-naħat f'dak il-ħin għax ma' nżul ix-xemx it-tajr tal-baħar jibda riesaq lejn l-art, u b'hekk aħna jkollna ċans narawhom mill-viċin. Dejjem naturalment jekk inkunu b'xortina tajba. U min jaf, forsi naraw xi denfil ukoll. Kollox jista' jkun. Insomma titilfuhiex għax jiddispjaċikom!

data: **is-Sibt 7 Lulju 2007**
tul tal-ħarġa: **xi 3 sigħat**
merħba: **membri kollha u familja**
prezz: **Lm2 kull persuna**
IMPORTANTI
- Minħabba li l-postijiet limitati, ibbukkjaw billi ċċemplu lill-BirdLife fuq 21347646 (Mon-Fri 9am-1pm). Aktar dettalji lil min jibbukkja.
- Ċans għandkom sal-Ħamis 5 Lulju 2007, imma ddumux taħsbuha għax il-postijiet jinħatfu!
- Tibagħtux flus bil-posta - ħlas isir fil-post. Jekk iġġibu flus bl-eżatt (jew ċekk) tant aħjar ħalli nħaffu iktar!
- Jekk il-baħar jagħmlilkom id-deni, idea tajba jekk ma tiklux sa minn sagħtejn qabel l-attività.
- Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir.



Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom halli nġibuhom fil-GALLERIJA.


**arpa**
Chaanah Muscat 13


**baliena blu**
Ayrton Hayman 9


**bugħaddas**
Silvio Spiteri 14


**petriċa kbira**
David Attard 13


**bies**
Fabian Sant 12


**ħuttafa**
Omar Agius 11


**kuluvert**
Clarissa Aquilina 6


**fjamingu**
Ramona Darmanin 13

# Bl-Għeruq u x-Xniexel

### Ħarsa lejn is-siġar Maltin

## it-tina Fig *Ficus carica*


Joe Sultana

Is-siġar kollha xi darba kienu jikbru fis-salvaġġ. Kienu kollha jiffurmaw parti mill-ekosistema ta' xi msaġar. Imma l-bniedem induna li wħud minnhom jagħtu xi tip ta' prodott, bħal injam u frott. Fost dawn ta' l-aħħar hemm is-siġra tat-tin.

It-tina rari togħla aktar minn ftit metri u aktarx tibqa' baxxa qrib l-art. Qalb l-għelieqi l-bdiewa jiżbruha biex tikber fuq zokk wieħed. Minħabba li dis-siġra jxerrduha l-għasafar, hija mifruxa sew mal-Gżejjer Maltin, anke fix-xagħri ssib tin ħiereġ minn xquq fil-blat jew imqabbad ma' l-irdum. Anke qrib ħafna tal-baħar tista' tikber, basta ma jilħaqhiex ir-raxx.

Għandha weraq kbir maqsum fi 3-5 swaba'. Dan il-weraq jaqa' fix-xitwa. Wara li twaqqa' l-weraq hija tagħmel ukoll il-frott, li jiddakkar minn żunżan żgħir. Il-frott huwa tajjeb ħafna għall-ikel, hemm ħafna varjetajiet u fost l-ismijiet li nużaw hemm it-tin, il-bajtar ta' San Ġwann u l-farkizzan.

Mhix idea tajba li tħawwel siġar tat-tin qrib il-bini peress li s-siġar fil-familja tal-fikus għandhom għeruq fil-wiċċ li kapaċi jaqsmu l-art u l-blat. Ħaġa oħra dwar it-tin hi li l-"ħalib" tagħha (likwidu abjad li joħroġ mill-weraq) huwa irritanti għall-ġilda ta' xi wħud.

It-tina kienet fost l-ewwel siġar tal-frott li ġew ikkultivati. Instab fdal ta' tin ikkultivat li kiber aktar minn 11,000 sena ilu. Fil-Mediterran it-tina, flimkien maż-żebbuġa u d-dielja, kienet waħda mill-iktar tliet siġriet importanti fid-dieta tal-bniedem sa minn żmien Klassiku. Sal-lum it-tina għadha importanti għall-frott bnin tagħha.

**Charles F Grech**, Masġâr

Talli ttantajtha Tonina
Tonna temmgħatli tina
togħma ta' tajn.



karta riċiklata

# FALKO

**Żgħażagħ BirdLife Malta**

**Kumitat FALKO**
Stefan Azzopardi, Matthew Borg Cardona, Carl Camilleri, Simon Sultana, Justin Vassallo.




Matthew Borg Cardona




Matthew Borg Cardona

# Kemmuna Art it-Tajr!

Kbar u żgħar, membri ġodda u mhumiex, kulħadd spiċċa msaħħar bis-sbuħija ta' Kemmuna!

Iltqajna ċ-Ċirkewwa filgħodu u tlaqna lejn din il-gżira ċkejkna imma tant importanti għall-ghasafar. Tal-lanċa ħadna bid-dawra u għalhekk stajna nammiraw daqsxejn il-ħafna għerien li bihom huma mħaffrin l-irdumijiet ta' din il-gżira.

Sa minn fuq il-lanċa stess, mill-ewwel bdejna ntellgħu l-lista ta' għasafar li konna se naraw dakinhar - daqsxejn gawwi prim jittajjar baxx mal-baħar, koċċ merilli ma' l-irdum u spanjulett iferfer b'kemm għandu saħħa lejn Sqallija!



gawwija prima

Malli nżilna Kemmuna komplejna nżidu l-għasafar. Żanżarell tat-tikek fil-quċċata ta' siġra tat-tin u diversi bgħadan ħomor jikkaċċjaw fuq ix-xagħri. Spettaklu bħal dan ma tantx iħajrek timxi, imma tlaqna bil-mod il-mod lejn ir-ċentru tar-ringing li l-BirdLife għandha f'Wied l-Aħmar.

Il-bgħadan komplew iżommulna kumpanija aħna u mexjin, imbagħad wara ftit... sorpriża: agrett abjad joħroġ minn wara rdum, jgħaddi ftit 'il bogħod minna u jibqa' sejjer, xena tal-meravilja li fuq Kemmuna iktar tinżillek għasel, għax tista' tammira għasfur mingħajr il-biża' li ħin bla waqt tisma' dak it-tir ta' senter li jneħħi l-ħajja ta' l-għasfur u l-pjaċir tal-berdwoċer!

Minn ma' l-irdum tlajna mbagħad fuq ix-xagħra, fejn għalkemm ma tantx kien hemm għasafar żgħar, xorta tajjarna ċukar u żewġ summiniet. X'ħin wasalna r-ringing station intfajna naraw l-għasafar iż-żgħar jiġu rringjati, lezzjoni tajba għalina lkoll biex nagħrfuhom meta narawhom tikka ħadra ġo arbuxell, għalkemm dak il-ġmiel ta' kaċċamendula raġel ma tantx tista' titfixklu!

Biex ma ntawwalx, u nkun għedt kollox, kienet pjuttost ġurnata normali fuq Kemmuna, però ġurnata normali fuq Kemmuna hija xorta speċjali!

Stefan Azzopardi

Attività FALKO




Denis Cachia

## Lejl maċ-Ċief

Ħa nagħmlu mixja f'Għawdex mill-iMġarr sa Ta' Ċenċ. Imbagħad nagħmlu lejl barra nisimgħu ċ-ċief!
Data: **20-21 Lulju 2007**
Eta: **Falko 13+**
Għal aktar dettalji ċemplu lil Matthew (99886811) jew lil Simon (79094104).



Joe Sultana

Bħalissa **widnet il-baħar** tkun fl-aqwa tal-fjuri. Jekk tkunu qrib xi rdum, fittxuha u tpaxxew bil-fjura nazzjonali endemika tagħna.



# Żu

Elisabeth Conrad

Ftit ilu kont ġo park barra min Malta fejn iżommu wkoll l-annimali. Għall-ewwel rajt diversi papri u għasafar żgħar. Imma wara ftit bdejt nara wkoll ajkli, avultuni, xadini, iljuni u annimali kbar oħra. Dawn kienu kollha annimali li żgur imdorrijin b'territorji kbar ta' art, ħafna ikbar mill-ispazju tal-gaġġa li kienu fiha.

## disprament

Impressjonani partikolarment wieħed rakun[1]. Għamilt kwarta nħares lejh u nnutajt li dal-povru annimal kien il-ħin kollu jagħmel l-istess ħaġa, jitla' erba' passi mal-gaġġa u jerġa' lura, jerġa' erba' passi, u jerġa' lura. Kienet l-imġieba ta' xi ħadd li qed ittiħ rasu! Dar-rakun fakkarni f'ritratt li darba rajt, ritratt li kien rebaħ kompetizzjoni tal-fotografija. Dan ir-ritratt kien juri biss għajnejn ta' leopard iħarsu minn ġo gaġġa ta' żu. Kienet ħarsa ta' qsim il-qalb, espressjoni ta' dwejjaq u disprament.

## ġustizzja?

Fejn jidħlu żuwijiet u parks bl-annimali, is-soċjetà tagħna għandha bżonn tagħmel eżami tal-kuxjenza. Huwa ġust li nżommu annimali f'gaġeġ bħal priġunieri? Sempliċiment biex aħna nkunu nistgħu mmorru narawhom u niggustawhom?

## saħħa

Nibdew bl-effetti fuq is-saħħa mentali ta' l-annimali. Timmaġinaw li tgħaddu ħajjitkom maqfulin ġo kamra waħda, biex in-nies jiġu jħarsu lejkom? L-annimali li jinżammu fiż-żuwijiet huma mdorrijin fis-salvaġġ, f'wesgħat kbar, kultant b'territorji ikbar minn Malta, bi ftit kuntatt uman, u b'kundizzjonijiet naturali. Mhux ta' b'xejn fiż-żu jkunu ddisprati!

Hemm ukoll l-effetti fuq is-saħħa fiżika. Din marbuta mas-saħħa mentali imma mhux biss. Hemm annimali, bħall-iljunfanti, li jsofru diversi impatti fuq saħħithom meta jkunu maqfulin ġo spazju żgħir.

## etika

U hemm il-kwistjoni ta' l-etika. Irridu nistaqsu jekk il-bniedem għandux dritt jisraq il-libertà ta' tant annimali għall-iskopijiet tiegħu?

## konservazzjoni?

Veru li xi żuwijiet għandhom missjoni ta' konservazzjoni, bħal dawk li jrabbu speċi fil-periklu li jinqerdu mis-salvaġġ. Saru wkoll diversi sforzi biex il-kundizzjonijiet għall-annimali fiż-żuwijiet jitjiebu. Jibqa' l-fatt, però, li annimali li ġew mis-selvaġġ mhumiex magħmulin biex jinżammu ġo gaġeġ.

## edukazzjoni?

L-iskuża li ż-żuwijiet (u magħhom id-dolfinarja) iservu bħala mezz ta' edukazzjoni ftit għadha tiswa llum-il ġurnata. Fejn sekli ilu n-nies forsi kellhom bżonn iż-żu biex jaraw b'għajnejhom kif ikun iljunfant jew ġiraffa, illum bit-televixin u bl-internet nistgħu naraw kemm irridu ritratti, videos u dokumentarji ta' annimali eżotiċi.

## naturali

Irridu niftakru dejjem li l-ikbar theddida għall-biodiversità hija l-qerda tal-ħabitati. Għalxejn inrabbu l-annimali fiż-żuwijiet jekk fl-istess ħin neqirdulhom il-ħabitat naturali fejn jgħixu! Importanti għalhekk li jsiru iktar inizjattivi biex jiġu salvati l-ambjenti naturali tad-dinja, flok jinħlew il-flus f'żuwijiet tradizzjonali.

Żgur li l-annimali jixirqilhom iktar rispett milli li noqogħdu niggustawhom fil-gaġeġ!

---

[1]**rakun**: annimal qisu volpi żgħir griż, iswed u abjad, joħroġ bil-lejl (bl-ingliż *raccoon*)

# Nilagħbu tikka

Janet u Amy Gerardi

Din id-darba għandna tisliba għalikom. Kollox b'tema naturali. Ħudu gost!

### MIMDUDIN

3 Alga u fungi li jikbru fuq il-blat u z-zkuk.
4 Proġett tal-BirdLife fl-Aħrax tal-Mellieħa.
6 Is-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-BirdLife.
11 Post fejn in-natura tikber bla tfixkil.
12 Tista' tkun protetta jew titla' fl-għoli fir-riħ.
14 Il-bużaqq hi l-_____ nazzjonali.
15 Taqtagħhomx meta tmur fil-kampanja.
16 Insibuh madwarna.

### WEQFIN

1 Amfibju.
2 Dan narmuh fir-reċipjent il-blu.
5 Inħawlu fiha.
7 Riserva naturali fix-Xemxija.
8 Għasfur jew strument tal-mużika.
9 L-ixjeħ siġra f'Malta.
10 Hekk jisimha din ir-rivista.
13 Jekk tikser il-liġi taf teħilha.




## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi tal-BirdLife**
- **stiker bil-kulur**

Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta,
flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.



**Dettalji tal-membru l-ġdid/a**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode

data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________

Skola ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode

membership number ________ telefon ________ imejl ________

Skola ______________________

Tqattax il-magażin - agħmel kopja!

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 38 bolla tat-8ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

Alison Buttiġieġ

# l-ors abjad



## Profil

L-ors ajbad (jew ors polari) huwa l-ikbar mammiferu karnivoru li jgħix fuq l-art. Kif jixhed ismu huwa kollu abjad, imma s-suf tiegħu fil-fatt mhuwiex abjad imma trasparenti, b'hekk id-dawl jirrefletti minn fuqu b'tali mod li jidher abjad. Mhux hekk biss, il-gilda ta' dan l-ors hija sewda!

Dan l-ors iżomm sħun f'dik il-kesħa li jgħix fiha bis-saħħa tal-ħafna suf u xaħam li għandu. Ix-xaħam jgħinu wkoll iżomm f'wiċċ l-ilma waqt l-għawm, ħaġa importanti peress li jgħaddi ħafna ħin fl-ilma u jiddependi mill-ilma biex jgħix.

## Fejn jgħix?

L-ors abjad jinsab biss fir-reġjun tan-North Pole, inkluż il-Kanada, fejn hemm nofs il-popolazzjoni dinjija ta' din l-ispeċi, ir-Russja, l-iStati Uniti (fl-Alaska), id-Danimarka (fi Greenland) u fin-Norveġja (fuq il-gżira Svalbard). Dawn ir-reġjuni għandhom ħaġa waħda komuni: silġ u baħar. L-ors abjad ma jistax jgħix fejn ma jkunx hemm silġ is-sena kollha.



BirdLife Malta Maps

## X'jiekol?

L-ors abjad jiekol kollox li huwa laħam. L-ikel favorit tiegħu hija r-ringed seal, tip ta' foka. Dawn jaqbadhom billi jistenniehom f'xifer is-silġ jew ħdejn xi toqba fis-silġ, u jaħtafhom fil-mument li jitilgħu biex jieħdu n-nifs. Peress li abjad, ikollu jistenniehom fuq is-silġ, inkella l-kamuflaxx ma jaħdimx! Minbarra foki l-ors jiekol ukoll għasafar, renni (reindeer) u anke orsijiet bojod oħrajn. Jiekol ħaxix u pjanti jekk veru jkun hemm bżonn, mhux bħal orsijiet oħrajn, li jieklu pjanti sikwit.

## Perikli

Dan l-aħħar smajna ħafna bil-global warming u l-effetti negattivi tagħha. Probabbilment l-ewwel annimal li jintlaqat minn dan id-diżastru ħa jkun infatti l-ors abjad. Diġà stmat li b'dir-rata ta' żieda fis-sħana l-orsijiet bojod jistgħu jisparixxu minn wiċċ id-dinja sa l-aħħar ta' das-seklu. Jekk il-wesgħat ta' silġ fejn jgħix l-ors jibdew jinħallu kompletament fis-sajf, dan l-annimal ma jkollux fejn jgħix u ma jkunx jista' jikkaċċja sew peress li huwa abjad. Barra minn hekk, iktar ma jonqos is-silġ fis-sajf l-orsijiet iktar qed ikollhom jgħumu distanzi kbar minn blokka silġ għal oħra biex isibu x'jieklu.

## Status

Minħabba l-problema tal-global warming, l-ors abjad llum huwa meqjus VULNERABBLI, jiġifieri hemm ċans kbir li din l-ispeċi ma ddumx ma jkollha problem serji ħafna.

| | |
|---|---|
| Malti | **Ors Abjad, Ors Polari** |
| Ingliż | **Polar Bear** |
| xjentifiku | ***Thalarctos maritimus*** |


Bird
MALTA
Ċaw ċaw Ramla?
Inkredibbli l-kilba biex inkomplu nfarrku kull rokna li baqa' f'dal-pajjiż miskin. Konna naħsbu li wara l-ħsarat li saru lill-ambjent fl-imgħoddi ħa nitgħallmu mill-iżbalji. Mhux talli ma tgħallimna xejn, imma l-proġetti qed ifaqqsu kull ġimgħa u qed isiru iktar vili. Issa jmiss lir-Ramla l-Ħamra li taqla' d-daqqa ta' stallet. Xi għaref irid jibni skoss vilel mal-ġenb ta' l-għolja li tħares fuq il-wied, u alla jbierek qalulu No Problem!
Veru ħwejjeġ tal-MISTHIJA.